32001E0554

AZZJONI KONĠUNTA TAL-KUNSILL
ta' l- 20 ta' Lulju 2001
dwar l-istabbfiliment ta' l- Istitut ta' l-Unjoni Ewropea għall-Istudji fuq is-Sigurtà

(2001/554/PESK)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kunsidra t-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 14 tiegħu,

Billi:

(1) fl-10 ta' Novembru 2000 il-Kunsill irreġistra l-ftehim tiegħu fil-prinċipju dwar l-istabbiliment ta Istitut għall-Istudji fuq is-Sigurtà li jinkorpora l-karatteristiċi relevanti ta' l-istrutturi ta' l-Unjoni Ewropea tal-Punent WEU

(2) L-istabbiliment ta' Istitut għall-Istudji fuq is-Sigurtà fl-Unjoni Ewropea ser jassisti l-implimentazzjoni tal-Politika Barranija u ta' Sigurtà Komuni (CFSP) u partikolarment tal-Politika Ewropea ta' Sigurtà u Difiża (ESDP).

(3) L-istatut u l-istruttura ta' l-Istitut għandhom jgħinu l-istess istitut jirreagixxi għall-ħtiġijiet ta' l-Unjoni Ewropea ta' l-Istati Membri tagħha u biex taderixxi l-funzjonijiet tagħha f'kollaborazzjoni stretta ma' l-istituzzjonijiet Komunitarji, nazzjonali u dawk internazzjonali.

(4) L-Istitut għall-Istudji fuq is-Sigurtà ta' l-Unjoni Ewropea għandu jkollu personalità ġuridika u għandha taħdem f'indipendenza intelletwali assoluta, filwaqt li zzomm rabtiet viċini mall-Kunsill u tagħti konsiderament dovut tar-responsabilitajiet politiċi ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea u ta' l-istituzzjonijiet tagħha,

ADOTTA DIN L-AZZJONI KONĠUNTA:

Artikolu 1

Stabbiliment

1. Istitut għall-Istudju fuq is-Sigurtà ta' l-Unjoni Ewropea (EUISS), hawnhekk iżjed il quddiem imsejjaħ "l-Istitut" huwa hawnhekk stabbilit. Dan ser jibda jopera mill-1 ta' Jannar 2002.

2. L-Istitut għandu jkollu l-kwartieri ġenerali tiegħu f'Pariġi.

3. L-infrustruttura inizjali għandha tkun ipprovduta mill-WEU

Artikolu 2

Missjoni

L-Istitut għandu jikkontribwixxi lejn l-iżvilupp ta' l-CFSP, kif ukoll l-ESDP, billi jmexxi riċerka u analiżi akademika fl-oqsma relevanti. Għal dan il-għan, huwa għandu, inter alia, jipproduċi u, fuq bażi ad hoc, dokument ta' riċerka tal-Kummissjoni, jħejji seminars, jarrikkixxi d-djalogu transatlantiku billi jorganizza attivitajiet simili għal dawk tal-Forum Transatlantiku ta' l-WEU u jimmantjeni networks ta' skambji ma' istituti oħra ta' riċerka u organizzazzjonijiet ta' esperti kemm ġewwa kif ukoll barra l-Unjoni Ewropea. Ix-xogħol ta' l-Istitut għandu jinvolvi dan in-network bl-iżjed mod wiesgħa possibbli. Ix-xogħol prodott mill-Istitut għandu jkun imqassam bl-iżjed mod wiesgħa, ħlief dak li jirrigwardja informazzjoni kunfidenzjali, li għalih għandhom jgħoddu r-regolamenti tal-Kunsill fuq is-sigurtà kif huma stabbiliti mid-Deċiżjoni 001/264/KE [1].

Artikolu 3

Sorveljanza Politikà

Il-Kumitat għal Politikà u Sigurtà għandu, skond il-ħtiġijiet tar-responsabbilitajiet tiegħu lejn il-CFSP, u partikolarment l-ESDP, jeżerċita sorveljanza politikà fuq l-attivitajiet ta' l-Istitut, mingħajr ma jkollu effett fuq l-indipendenza intelletwali ta' l-istitut meta tkun qed twettaq riċerka u attivitajiet ta' seminars.

Artikolu 4

Personalità legali

L-Istitut għandu jkollu l-personalità ġuridika neċessarja biex ikun jista jwettaq il-funzjonijiet tiegħu u jilħaq l-għanijiet tiegħu. Kull Stat Membru għandu jieħu dawk il-passi biex jakkorda lill-Istitut il-kapacità ġuridika li s-soltu huwa akkordat taħt il-liġijiet ta' dak l-istess Stat Membru; jista, partikolarment, jakkwista jew jiddisponi proprjeta mobbli jew immobbli u jieħu sehem f'proċeduri ġudizzjarji. L-għan ta' l-Istitut m'għandux ikun biex jagħmel profitt.

Artikolu 5

Bord

1. L-Istitut għandu jkollu bord li japprova l-programm tax-xogħol tiegħu annwali u ta' perjodu twil u estimi li huwa xieraq. Il-bord għandu jkun forum biex jiġu diskussi kwistjonijiet relattati mal-funzjonament ta' l-istitut u l-impjegati.

[1] ĠU L 101, tal-11.4.2001, p. 1.

2. Il-Bord għandu jkun presidut mis-Segretarju Generali/Rappreżentant Għoli (SG/HR) jew, fl-eventwalita ta' l-assenza ta' dik il-persuna, mir-rapprezentant tiegħu.

3. Il-Bord għandu jkun kompost minn rapprezentant maħtur minn kull Stat Membru u wieħed maħtur mill-Kummissjoni. Kull membru tal-bord jista jkun rapprezentat jew akkumpanjat minn sostitut. L-ittri ta' ħatra, akkreditati kif xieraq mill-Istati Membri jew mill-Kummissjoni, għandhom ikunu indirizzati lill-SG/HR.

4. Id-Direttur ta' l-Istitut jew ir-rappreżentant tiegħu għandu, bħala regola, jattendi l-laqgħat tal-Bord. Id-Direttur Generali ta' l-Istaff Militari u l-President tal-Kumitat Militari, jew ir-rappreżentanti taħhom, jistgħu jattendu wkoll għal laqgħat tal-bord.

5. Deċizjonijiet tal-bord għandhom jittieħdu fuq vot tar-rappreżentanti ta' l-Istati Membri b'maġġoranza kwalifikata, il-voti jkunu peżati skond is-sub-Artikolu 23(2) tat-Trattat, minghajr preġudizzju għal l-Artikolu 12(2) ta' din l-Azzjoni Konġunta. Il-Bord għandu jaddotta r-regoli ta' proċeduri tiegħu.

6. Il-Bord jista' jiddeċiedi joħloq gruppi taà ħidma ad-hoc jew kumitat permanenti bl-istess format tal-bord, li jieħdu ħsieb suġġetti speċifiċi jew materji fir-responsabilità komplessiva tiegħu u jaġixxu taħt is-sorveljanza tiegħu. Id-deċiżjoni biex jinħoloq grupp jew kumitat għandha tistabbilixi l-mandat, il-komposizzjoni u t-tul tiegħu.

7. Il-Bord għandu jitlaqqa' mill-President mill-inqas darbtejn fis-sena fuq talba ta' mill-inqas terz mill-membri tiegħu

Artikolu 6

Direttur

1. Il-Bord għandu jaħtar Direttur għall-Istitut minn fost iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri. L-Istati Membri għandhom jagħtu kandidaturi lil S/HR, li għandu jibgħathom lill-Bord. Id-Direttur għandu jiġi maħtur għal tlett snin, li possibli jiġi estizz għal perjodu wieħed ta' sentejn.

2. Id-Direttur għandu jkun responsabbli għar-reklutaġġ ta' l-impjegati ta' istitut. Membri tal-bord għandhom jiġu nfurmati dwar il-ħatra tar-riċerkaturi.

3. Id-diretturi għandhom jassiguraw l-applikazzjoni tal-funzjonijiet ta' l-istitut skond l-Artikolu 2. Id-Direttur għandu jassigura wkoll livell għoli ta' kompetenza u professjonalità ta' l-istitut, kif ukoll effiċjenza u effettività fl-insegwiment tal-missjonijiet tagħha.

Id-Direttur għandu jkun responsabbli biex:

— jabbozza l-programm ta' ħidma annwali ta' l-Istitut kif ukoll ir-rapport annwali fuq l-attivitajiet ta' l-istitut;

— jipprepara x-xogħol tal-Bord, partikolarment l-abbozz tal-programm ta' ħidma annwali;

— jamministra l-istitut minn ġurnata għal ġurnata;

— materji kollha tal-persunal;

— jipprepara l-prospett tad-dħul u infiq u l-implimentar tal-estimi ta' l-istitut;

— jinforma l-Kumitat tal-Politikà u s-Sigurtà fuq il-pjan ta' ħidma annwali;

— jassikura kuntatti u kollaborazzjoni stretta ma' l-istituzzjonijiet Komunitarji, taċ-ċittadini u dawk internazzjonali f'oqsma relatati.

4. Fi ħdan il-pjan ta' ħidma u l-estimi miftiehma tal-istitut, id-Direttur għandu jkollu s-setgħa li jidħol f'kuntratti, għar-reklutaġġ ta' impjegati li huma approvati fl-estimi u biex jonfoq dak li huwa neċessarju għall-operat ta' l-istitut.

5. Id-Direttur għandu jipprepara sal-31 ta' Marza tas-sena ta' wara rapport annwali dwar l-attivitajiet ta' l-istitut., li għandhom jibgħatuh lill-Parlament Ewropew, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri.

6. Id-Direttur huwa marbut li jagħti rendikont lill-Bord.

7. Id-Direttur għandu jkun ir-rapprezentant legali ta' l-Istitut.

Artikolu 7

Impjegati

1. L-impjegati ta' l-Istitut, li jikkonsistu f'riċerkaturi u mpjegati amministrativi, għandhom ikollhom l-istatus ta' membri b'kuntratt ta' mpjieg u għandhom jiġu reklutati minn fost ċittadini ta' l-Istati Membri. L-impjegati inizjali għandhom ikunu reklutati skond il-ħtiega minn fost l-impjegati ta' l-Istitut tal-WEU għall-Istudji fuq is-Sigurtà.

2. Ir-riċerkaturi ta' l-Istitut għandhom jiġu reklutati fuq il-bażi ta' mertu u ħila akkademika f'dak li jirrigwardja CFSP u, partikolarment, l-ESDP permezz ta' proċeduri kompetittivi imparzjali u trasparenti.

Artikolu 8

Disposizzjonijiet applikabli għall-impjegati

Id-disposizzjonijiet relattati ma' l-impjegati ta' l-Istitut għandhom jiġu stabbiliti mill-Kunsill li jaġixxu fuq rakkomandazzjoni mid-Direttur.

Artikolu 9

Indipendenza Intelletwali

Id-Direttur u r-riċerkaturi għandhom igawdu minn indipendenza intelletwali meta jkunu qed iwettqu r-riċerka u l-attivitajiet tas-seminars ta' l-Istitut.

Artikolu 10

Programm ta' ħidma

Mhux aktar tard mit-30 ta' Novembru ta' kull sena, il-Bord għandu, fuq bażi ta' l-abbozz mogħti mid-Direttur ta' l-Istitut, jaddotta l-pjan ta' ħidma annwali ta' l-Istitut għas-sena ta' wara. Il-miżuri li għandhom jitwettqu taħt il-program annwali għandhom jkunu akkumpanjati minn stima ta' l-ispiża neċessarja.

Artikolu 11

L-estimi

1. Kull oġġett ta' dħul u nefqa ta' l-Istitut għandhom ikunu nklużi fl-istimi ta' kull sena finanzjarja li tkun saret, li għandhom jikkorrispondu mas-sena kalendarja, u għandhom ikunu murija fl-estimi ta' l-Istitut, li għandhu jinkludi lista ta' l-impjegati.

2. Id-Dħul u l-infiq kif muri fl-estimi ta' l-Istitut ekwilibrat.

3. Id-dħul ta' l-Istitut għandu jikkonsisti minn kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri skond l-iskala ta' l-GNP. Bil-kunsens tad-Direttur ta' l-Istitut, kontribuzzjonijiet addizzjonali jistgħu jiġu aċċettati minn reġjuni oħra għal attivitajiet speċifiċi.

Artikolu 12

Proċedura għall-Estimi

1. Id-Direttur sal-30 ta' Gunju ta' kull sena għandu jistabbilixxi abbozz ta' estimi għall-Istitut li jkopri n-nefqa amministrattiva, nefqa operazzjonali u l-introjtu previst għas-sena finanzjarja ta' wara, u dan għandu jiġi mogħti lill-Bord. Id-Direttur għandu jibgħat l-abbozz tal-estimi lill-Kunsill għal informazzjoni.

2. Il-Bord għandu jadotta l-estimi ta' l-Istitut permezz ta' l-unanimità tar-rappreżentanti ta' l-Istati Membri sal-15 ta' Diċembru ta' kull sena, billi jaġġustah skond il-kontribuzzjonijiet mogħtija lill-Istitut u r-rizorsi oħra tagħha.

Artikolu 13

Kontroll tal-estimi

1. Kontroll fuq rabta u l-pagament ta' l-infiq kollu u r-reġistrazzjoni u l-ġbir ta' l-introjtu għandu jitwettaq minn kontrollur finanzjarju indipendenti maħtur mill-Bord.

2. Sal-31 ta' Marzu ta' kull sena, id-direttur għandu jagħti lill-Kunsill u lill-Bord kontijiet dettaljati ta' l-introjtu u l-infiq kollu mis-sena finanzjarja ta' qabel, u dan għandu jinkludi rapport fuq l-attivitajiet ta' l-Istitut.

3. Il-Bord għandu jagħti r-rilaxx lid-direttur dwar l-implimentazzjoni tal-estimi.

Artikolu 14

Regoli Finanzjarji

Il-Bord, bl-assent tal-Kunsill, fuq proposta tad-Direttur, għandu jagħmel regoli finanzjarji dettaljati li jispeċifikaw partikolarment il-proċedura li għandha tkun adottata biex jiġi stabbilit u implementat l-estimi ta' l-Istitut.

Artikolu 15

Privileġġi u immunitajiet

Rigward privileġġi u immunitajiet neċessarji għall-prestazzjoni tad-dmirijiet ta' l-Istitut, id-Direttur u l-impjegati ta' l-Istitut, għandhom ikunu provduti fi ftehiem ma l-Istati Membri.

Artikolu 16

Responsabbiltà legali

1. Ir-responsabbiltà kuntrattwali ta' l-Istitut għandha tiġi regolata, mill-ligi li tapplika għall-kuntratt konċernat.

2. Ir-responsabbiltà individwali ta' l-impjegati lejn l-Istitut għandha tiġi rregolata mid-disposizzjonijiet relevanti li japplikaw lill-impjegati ta' l-Istitut.

Artikolu 17

Riċerkaturi mistiednin

Riċerkaturi mistiednin jistgħu għal perjodu taż-żmien limitat, bi ftehim mad-Direttur jkunu sekondati fl-Istitut, minn l-Istati Membri u minn pajjiżi terzi, biex jipparteċipaw fl-attivitajiet ta' l-Istitut skond l-Artikolu 2.

Artikolu 18

Aċċess għal dokumenti

Fuq proposta mid-Direttur, il-bord għandu jadotta, sal-30 ta' Gunju 2002 regoli ta' aċċess pubbliku ta' dokumenti ta' l-Istitut, billi jieħu f'kunsidrazzjoni l-prinċipji u l-limiti stabbiliti f'Regolament (EC) No 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-30 ta' Mejju 2001 li jirrigwarda aċċess pubbliku ta' dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni [1].

Artikolu 19

Reviżjoni

Is-SG/HR għandhom jipprezentaw, mhux iktar tard minn ħames snin dħul fis-seħħ tiegħu, rapport lill-Kunsill fuq l-implimentazzjoni ta' din l-Azzjoni Konġunt bil-g]an ta' reviżjoni possibbli tagħha.

[1] ĠU L 145, tal-31.5.2001, p. 43.

Artikolu 20

Disposizzjonijiet transitorji

1. L-ewwel Bord ta' l-Istitut għandu jiġi maħtur, u d-Direttur nominat, sal-31 ta' Lulju 2001. Id-Direttur għandu jkun fdat l-amministrazzjoni tat-transizzjoni minn korp sussidjarju tal-WEU għal entità ġdida.

2. Id-Direttur nominat għandu jipprezenta abbozz ta' estimi għas-sena 2002 sal-15 ta' Settembru 2001. Il-Bord għandu jaddotta l-estimi sal-15 ta' Novembru 2001.

3. L-Istitut għandu jissostitwixxi l-WEU bħala l-korp li jħaddem l-impjegati mill- 31 ta' Diċembru 2001. Obligazzjonijiet li jitqajmu minn kuntratti eżistenti ta' impjegati, kif huma definiti mill-atti applikabbli, għandhom ikunu onorati minn dak li jħaddem il-ġdid.

4. Kuntratti ffirmati mill-WEU, f'isem l-Istitut tal-WEU għall-Istudji fuq is-Sigurtà, li m'humiex relatati ma' l-impjegati, għandhom ikunu meħuda taħt il-kontroll ta' l-Istitut.

5. L-infiq tal-estimi mill-Istati Membri għandu jkun ta' EUR 3,2 miljun għas-sena finanzjarja 2002.

Artikolu 21

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tidħol fis-seħħ dakinhar ta' l-adozzjoni tagħha.

Artikolu 22

Din Azzjoni Konġunta għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali*.

Magħmula fi Brussell, l-20 ta' Lulju 2001.

Għall-Kunsill

Il-President

J. VANDE LANOTTE